**Diskors taċ-*Chairman* lill-Membri** [(1)]

Għas-sena finanzjarja 2022 il-Lombard Bank Group irreġistra profitt rekord ta' €27.7 miljun qabel it-taxxa. Titjib fl-ambjent operattiv ikkaratterizzat minn rati ta' imgħax pożittivi wara snin ta' politika monetarja akkomodattiva, titjib notevoli fl-ekonomija domestika u reversal ta' *non-performing loan* kbir għinu biex jinkisbu dawn ir-riżultati. Min-naħa l-oħra, l-operat tas-sussidjarja tal-Bank, MaltaPost p.l.c., baqa' affettwat mill-konsegwenzi tal-pandemija u tal-Brexit, żidiet fl-ispiża tal-operat, u tariffi postali tant baxxi li mhumiex sostenibbli, li kollha f'daqqa wasslu għal tnaqqis fil-profittabilita'.

Bħas-snin li għaddew id-dħul nett mill-imgħax kien is-sors ewlieni ta' dħul, riflessjoni ta' tkabbir sostanzjali fis-self fl-ewwel sitt xhur tas-sena u żieda fid-dħul minn depożiti ma' banek barranin u l-portafoll ta' investimenti, riżultat ukoll taċ-ċaqliq ta' fondi biex jinkiseb vantaġġ minn imgħaxijiet ogħla. Dħul nett minn tariffi u kummissjonijiet fuq self u attivitajiet oħra għamlu kontribuzzjoni pożittiva lejn il-qligħ biex b'hekk id-dħul totali tal-Bank reġa' beda jiżdied u laħaq €29.7 miljuni.

L-ispiża tal-operat naqqset xi ftit mill-effett pożittiv ta' dan id-dħul, għalkemm mhux daqs is-sena ta' qabel. Bħas-snin li għaddew, benefiċċji u remunerazzjoni dovuti lill-impjegati ammontaw għal biċċa kbira minn din l-ispiża. Waqt li n-numru tal-impjegati ma' żdiedx, il-bżonn li ningaġġaw u nżommu impjegati professjonali u b'kompetenzi speċjalizzati f'suq tal-impiegi kompetittiv ħafna, sarraf fi spiża akbar. Il-Bank kompla jinvesti f'sistemi ġodda tal-informatika, b'enfasi fuq sistemi ta' rappurtaġġ fost l-oħrajn. It-taħriġ tal-impjegati ingħata attenzjoni akbar, u saru numru ta' programmi ta' taħriġ ġodda. Meta wieħed iqis kollox, il-*cost to income ratio* naqas għal 57.4%.

Matul l-2022, wara numru ta' snin ta' immaniġġjar prudenti, il-Bank irnexxielu jiġbor lura self kummerċjali kbir, eżempju klassiku ta' immaniġġjar għaqli tar-riskji assoċjati mas-self. Dan il-fattur ta' darba ikkontribwixxa b'mod sinifikanti lejn il-profitt qabel it-taxxa tal-Bank ta' €28.8 miljuni, li jirriżulta f'*return on equity* ta' 14.0%.

Fl-istess ħin, il-mudell ta' negozju b'riskju baxx imħaddan mill-Bank kompla isaħħaħ il-bażi finanzjarja tiegħu. Din hija konsiderazzjoni importanti għall-azzjonisti eżistenti kif ukoll dawk prospettivi. It-*Total Capital Ratio* u l-*Liquidity Coverage Ratio* laħqu 15.4% u 210.7% rispettivament, livelli aħjar minn dawk mistennija mir-regolamentazzjoni, waqt li l-*Leverage Ratio* ta' 10% kien aktar minn tlett darbiet dak meħtieġ. L-isem 'Lombard' baqa' jgawdi mill-fiduċja tas-suq hekk kif rifless fiż-żieda kostanti tad-depożiti u self, u f'L*oans to Deposits ratio* prudenti ta 70.4%. Il-prattiċi bankarji għaqlin imħaddna mill-Bank u r-reputazzjoni li jgawdi ġew rikonoxxuti barra minn Malta wkoll fl-2022 meta bank ewlieni fil-US aċċetta li jkun il-bank korrispondent tagħna għal tranżazzjonijiet bid-dollaru Amerikan.

Żvilupp ieħor inkoraġġanti matul is-sena kien it-tnaqqis għal 3.5% f'dak li hu self ikklassifikat *Non-Performing,* li b'hekk niżel għal livell ferm anqas minn dak rikjest mir-regolamentazzjoni. Il-kwalita' tajba tas-self li għamel il-Bank hu rifless ukoll fil-kwalita' u fl-ammont ta' assi li jieħu l-Bank biex jagħmlu tajjeb għas-self, u f'*loan-to-value ratios* baxxi. Sadanittant il-pjan ta' diversifikazzjoni tas-self kompla għaddej l-aktar bi tkabbir tal-*Home Loans* biex b'hekk dan is-self issa jlaħħaq mas-26% tas-self kollu tal-Bank.

It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-Bank fis-suq ħtieġet aktar investiment f'numru ta' oqsma tal-operat, mhux l-inqas f'sistemi ta' monitoraġġ ta' tranżazzjonijiet fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, fl-infrastruttura teknoloġika u fl-introduzzjoni ta' sistema bankarja ġdida. Impjegajna numru ta' nies b'ħiliet speċjalizzati, waqt li għajnuna minn konsulenti ikkumplimentat il-kompetenzi interni tal-Bank partikolarment rigward il-pjan ta' azzjoni tal-ESG. Bħala parti mill-istrateġija tal-Bank li jkun ta' servizz lil firxa wiesgħa ta' nies, ftaħna fergħat ġodda biex b'hekk illum noperaw minn disgħa fergħat waqt li xogħol fuq fergħat oħra miexi sew.

Bla dubju, il-Bank għandu potenzjal li jkompli jżid il-valur għall-i*stakeholders* kollha billi jwettaq il-pjanijiet ta' tkabbir tiegħu. Biss dan jiddependi minn disponibbilta' ta' kapital fi kwantita' suffiċjenti. Għal dan il-għan, kull sena fl-imgħoddi il-Bank żamm parti mill-profitti biex issaħħaħ il-bażi kapitali biex b'hekk ma jkollux idur fuq l-azzjonisti għal aktar fondi. Madankollu, illum dan il-metodu mhux biżżejjed biex inlaħħqu mad-domanda għal aktar kapital imposta mir-regolaturi u mat-tkabbir tal-Bank stess. Għaldaqstant il-Bord fassal *Capital Plan,* ivvalidat minn konsulenti, li juri biċ-ċar li fiċ-ċirkostanzi attwali tas-suq *Rights Issue* tkun fl-aħjar interess tal-Bank bħala għodda biex jiżdied il-kapital. Biss bħalma tafu fl-EGM imsejjaħ apposta għal dan il-għan f'Novembru 2022, il-proposta tal-Bank ġiet imblokkata u b'konsegwenza ta' dan il-pjanijiet ta' tkabbir kellhom jiġu sospiżi temporanjament.

F'dawn iċ-ċirkostanzi il-prudenza titlob li l-konservazzjoni tal-kapital tieħu preċedenza u għalhekk il-Bord kontra qalbu iddeċieda li ma jirrakkomandax il-ħlas ta' dividend. Minflok, jipproponi l-ħruġ ta' *bonus share* għal kull ħamsa u erbgħin sehem, biex b'hekk il-kapital tal-Bank ma' jonqosx. Madankollu, riżoluzzjoni qed tiġi ppreżentata f'din il-Laqgħa Ġenerali Annwali llum bħala Riżoluzzjoni 7 fuq l-Aġenda. L-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni għandha tippermetti lill-Bank isaħħaħ il-kapital tiegħu permezz ta' *Rights Issue* u b'hekk l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' tkabbir tkun tista' tkompli titwettaq.

Is-sussidjara tal-Bank, MaltaPost p.l.c., iffaċċjat sena diffiċli oħra matul is-sena finanzjarja li għalqet f'Settembru 2022 u rreġistrat profitt nett wara t-taxxa ta' €0.3 miljun. Mal-effett negattiv tal-Covid-19 fuq l-ekonomiji, żdied ukoll l-effett tal-gwerra fl-Ukrajna, li ġabet magħha diżordni globali fil-loġistika u inflazzjoni, dan barra mill-effett tal-Brexit fuq il-kummerċ bejn l-Ingilterra u l-UE. L-andament finanzjarju tal-kumpanija kien affettwat ukoll b'mod sinifikanti minn tariffi postali tant baxxi li ma jkoprux l-ispiża relattiva, u dan f'kuntest fejn il-volumi tal-ittri baqgħu neżlin, flimkien

LOMBARD

ma' żieda qawwija fl-ispiża tal-pagi u tal-operat. Dawn il-fatturi iżda ma' tħallewx ifixklu l-programm ta' investiment, inkluż firxa usa' ta' servizzi postali, u servizzi relatati ma' l-assigurazzjoni kif ukoll inizjattivi immirati lejn tnaqqis fl-emissjonijiet tal-karbonju.

Waqt li l-Bank beda' din is-sena minn pożizzjoni soda, baqa' numru ta' sfidi li rridu negħlbu biex jinżamm ir-ritmu ta' tkabbir. Dawn jinkludu l-konsegwenzi fuq il-kummerċ ta' rati ta' imgħax ogħla, l-impatt tal-kriżi ġeopolitika fl-Ewropa u żidied fl-ispejjeż konsegwenza ta' implimentazzjoni ta' mudel regolatorju li ma' jikkunsidrax id-differenzi fid-daqs bejn il-banek u l-pajjizi.

Madankollu, il-Bord huwa determinat li jassigura s-sostenibbilta' tal-mudell ta' negozju li jħaddan, li b'mod konsistenti ħoloq il-ġid u akkwista għall-Bank reputazzjoni li jaqdi b'mod serju lill-klijenti personali u dawk kummerċjali, ibbażat fuq valuri sodi u prattiċi bankarji tajbin. F'dan l-ispirtu l-Bord ser ikompli jimplimenta l-istrateġija ta' tkabbir li pproponejna lil-azzjonisti f'Novembru li għadda, waqt li jieħu vantaġġ minn opportunitajiet ġodda u fl-istess waqt iħares l-interessi tal-i*stakeholders* kollha, biss mingħajr ma jassumi riskji akbar minn dawk preżenti. Jekk il-kapital meħtieġ ikun disponibbli, li hekk għandu jkun riżultat tar-*Rights Issue* li qed nipproponu, Lombard Bank ikun f'pożizzjoni tajba biex jilħaq il-potenzjal tiegħu għall-benefiċċju tal-i*stakeholders* kollha.

Fl-aħħar, f'isem il-Bord, nixtieq nirringrazzja lill-membri tal-istaff u dawk maniġerjali, immexxija b'għaqal mill-Kap Eżekuttiv, Joseph Said, li bil-ħila professjonali tagħhom u ħidma mingħajr waqfien, wasslu għar-riżultati inkoraġġanti tal-2022 minkejja l-isfidi li ddeskkrivejt, u mhux l-anqas dawk li jikkonċernaw il-kapital. Nixtieq nirringrazzja wkoll lil sħabi tal-Bord u l-i*stakeholders* kollha għall-lealta' u l-impenn tagħhom lejn il-Bank.

**Michael C. Bonello**
**Chairman**

(1) It-test uffiċjali ta' dan id-diskors huwa dak bl-Ingliż.